**22 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E.,K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Aquilina

*versus*

Francesco Buhagiar et.

**Diviżjoni — Żball — Korrezzjoni jew Impunjazzjoni.**

*F'każ ta' diviżjoni, jekk wieħed mil-kondividenti jippretendi illi l-porzjoni assenjata lilu ġiet fil-kuntratt deskritta ħażin bi żball, għax ġiet indikata ħażin l-estensjoni u l-konsistenza tagħha, dak l-att jista' jiġi korrett, u mhux meħtieġ li jiġi mpunjat minn dak il-kondivident. Għax hu ma jkunx qiegħed jippretendi li l-att kien fih xi nuqqas jew vizzju tal-kunsens, billi fil-fatt il-partijiet riedu jagħmlu l-qasma bl-assenjazzjoni tal-fondi li ġew assenjati lill-parti l-oħra u tar-rimanenti fondi lill-kondivident li javanza din il-pretensjoni.*

*U allura, jekk dak il-kondivident jaġixxi kontra l-kondivident l-oħra biex l-att tad-diviżjoni jiġi korrett fis-sens li l-porzjoni li messet lilu tiġi deskritta kif kellha tkun, b'mod li fiha jiġu nkorporati l-beni li tħallew barra bi żball, l-azzjo-*

*ni tiegħu għal dan il-fini hi proċeduralment istitwita sewwa, u mh'x attendibbli l-eċċezzjoni tal-kondividenti l-oħra fis-sens illi hu messu, mhux jitlob il-korrezzjoni tal-att, imma jimpunjah. Salvo li hu jipprova l-meritu tal-pretensjoni tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni numru 14 tal-1956 fl-ismijiet premessi, preżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'att tan-Nutar Francesco Refalo tat-28 ta' Novembru 1936 il-konvenuti Francesco u Giuseppe Buhagiar, u oħthom Maria armla ta' Antonio Aquilina, omm il-kontendenti l-oħra, qasmu bejniethom ir-raba' "tal-Qormija" fil-bajja ta' Marsalforn fi Triq Qbajjar, limiti Żebbuġ, li kien ġie mħolli lilhom mis-Saċerdot Francesco Buhagiar; u illi dan ir-raba' ġie maqsum bonarjament bejniethom f'żewġ porzjonijiet, waħda li ġiet assenjata kumulattivament lill-konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar bħala sehemhom mill-istess raba', konsistenti f'żewġ qatgħat tal-kapaċità komplessiva...... konfinata mit-tramuntana...... u l-qatgħa l-oħra ta' ċirka tomna u tliet sigħan, tmiss mill-punent......, u l-porzjoni l-oħra li kellha tiġi assenjata bħala sehemha lill-imsemmija Maria Aquilina kienet tikkonsisti f'porzjoni ridotta fi ġnien ta' ċirka ħames sigħan, konfinata mill-punent...... flimkien ma' lok ta' djar fl-istess Triq Qbajjar, konfinat... u f'porzjoni oħra mill-istess raba' "tal-Qormija", ta' ċirka tmien sigħan, konfinanti minn nofsinhar......; u billi fl-assenjazzjoni li saret lil Maria Aquilina, inavvertitament, ġiet ommessa fil-kuntratt id-deskrizzjoni tal-għalqa ta' tmien sigħan kif fuq deskritta mill-imsemmi raba' "tal-Qormija", qatgħa li kienet dejjem fil-pussess tal-istess Maria Aquilina u suċċessuri tagħha; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż li fl-okkażjoni tal-att fuq imsemmi għand in-Nutar Francesco Refalo tat-28 ta' Diċembru 1936 ġiet lill-imsemmija Maria Aquilina assenjata mill-imsemmi raba' "tal-Qormija", oltre dak li hemm indikat fl-istess att, anki porzjon oħra ta' raba' ċirka tmien sigħan, konfinata minn nofs inhar...; (2) li konsegwentement tiġi ordnata l-korrezzjoni tal-istess att tan-Nutar Francesco Refalo tat-28 ta' Novembru 1936 billi tiġi nkorporata fih l-assen-

jazzjoni magħmula favur l-imsemmija Maria Aquilina, kontemplata fl-ewwel talba; (3) li, fil-każ li jkun hemm bżonn, jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-att. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-imsemmija Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Għejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju 1956, li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni;

Rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti tal-4 ta' Ġunju 1958, li ċaħdet *it-tieni eċċezzjoni* tal-konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni u trattazzjoni fil-meritu; wara li kkunsidrat;

Illi l-imsemmija konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar issottomettew, fit-tieni lok, li jekk qatt — dak li *mhux pruvat* — kien hemm *żball fil-kuntratt tad-diviżjoni* riċevut minn Nutar Francesco Refalo fit-28 ta' Novembru 1936, l-attur, se maj, kellu d-dritt li jimpunja dak il-kuntratt;

Illi l-Kodiċi Ċivili jikkunsidra l-iżball ("errore") bħala vizzju tal-kunsens; u infatti l-art. 1017 jiddisponi li l-kunsens ma jkunx jiswa jekk ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż. Mill-kumpless taddispożizzjonijiet relattivi jidher li l-leġislatur malti, bħal dak taljan (art. 1108, 1109 u 1110), u franċiż (art. 1109 u 1110), jokkupa ruħu biss minn tliet xorta ta' żball, u ċjoè "L'errore di diritto, l'errore sulla sostanza della cosa, l'errore sulla persona";

Illi "l'errore di diritto", kif definit minn Vittorio Scialoia (Dizionario Pratico del Diritto Privato, voce Errore, Vol. II, paġ. 874-875), "non può essere che un

errore sopra una norma di legge, su un disposto del diritto obbiettivo"; u għalhekk hu naturali "che la legge soccorra chi, per l'erronea credenza di essersi legalmente astretto, stipuli una convenzione";

Illi skond l-art. 1109, l-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu; u l-artikolu ta' wara (1109) jgħid:— "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nnfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim. Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim";

Illi mill-premess hu evidenti li l-liġi ċivili tikkontempla żewġ speċi ta' "errore di fatto", dak fuq is-sustanza tal-ħaġa formanti oġġett tal-kuntratt, u dak fuq il-persuna ta' wieħed mill-kontraenti. L-ewwel wieħed jimporta dejjem in-nullità; it-tieni f'ċerti ċirkustanzi biss;

Illi d-dispożizzjonijiet fuq riportati juru wkoll li jissussisti vizzju tal-kunsens, li jġib miegħu n-nullità tal-att, fil-każ biss tad-diversi kwalitajiet ta' żball fuq esposti. Għalhekk, meta jirrikorri xi żball ieħor li ma jaqgħax f'waħda jew fl-oħra mil-kategoriji ndikati, ir-rimedju ma jkunx l-impunjazzjoni u n-nullità kontemplati fl-art. 1018-1019 tal-Kodiċi Ċivili. "Qualunque altro errore che non abbia i caratteri testè indicati, non vizia punto l'atto" (Giuseppe Piola fid-Digesto Italiano, paġ. 537, para. 26);

Illi huwa veru li' għal dak li jirrigwarda d-diviżjoni ta' beni komuni, il-liġi ssemmi biss bħala kawża ta' rexissjoni l-leżjoni, iżda dan ma jfisserx illi l-prinċipji ġenerali taddritt kontenuti fl-artikoli fuq ċitati ma jiggovernawx ukoll dik il-qasma, li hija wkoll kuntratt bħal l-oħrajn kollha;

Illi dwar dak li fid-dottrina huwa magħruf bħala "errore materiale", il-Kodiċi Ċivili ma jagħmel ebda menzjoni, u aċċenn għalieh jinstab unikament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, art. 828 inċiż (2). Dan l-artikolu, li jittratta fuq il-korrezzjoni tas-sentenzi, huwa simili għal

dak 473 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan, u għalhekk il-ġurisprudenza u d-dottrina taljana huma ta' għajnuna fl-interpretazzjoni tiegħu. Ta' min jiċċita l-kliem ta' Vittorio Scialoia, li jirriporta kopjożament ġudikati tat-tribunali taljani:— "La dottrina e la giurisprudenza tendono a distribuire le omissioni e gli errori che si possono verificare nella sentenza in due classi; una prima classe costituita dagli errori od omissioni puramente materiali; ed una seconda classe costituita dagli errori o dalle omissioni sostanziali...... dando per caratteristica della prima classe l'evidenza, l'indiscutibilità, la difformità fra il concetto della sentenza e la sua materiale espressione, la mancanza di necessità di interpretare la sentenza per scoprire l'errore, la non corrispondenza delle parole della sentenza col pensiero del giudicante, il fatto che la sentenza, anche corretta, non soffre mutamenti nel suo contenuto sostanziale, il fatto che per riparare alla omissione od all'errore non è necessario rinnovare gli esami e gli apprezzamenti dal precorso giudizio" (op. cit. voce. Correzione delle Sentenze, Vol. II, paġ. 484);

F'dan is-sens ukoll Salvatore Satta, Professur tal-Università ta' Genova (Diritto Processuale Ċivile, paġ. 241), jikteb:— "L'istituto che tradizionalmente prende il nome di 'correzione della sentenza', non comprende nella sua ipotesi nè il vizio della volontà del giudice, nè l'errore di giudizio, e nemmeno l'errore di forma, quei difetti cioè che danno materia alle varie impugnazioni...... Qui l'ipotesi molto più semplice, è quella dell'errore materiale o dell'omissione, dello sbaglio nel calcolo, in una parola della divergenza fra l'idea e la sua manifestazione. La persona alla quale il giudice si riferiva è stata indicata con un nome diverso o parzialmente diverso dal suo...... il giudice ha riconosciuto che a Tizio spetta la legittima, e nel calcolo di essa ha commesso uno sbaglio di somma; e così via. In tutti questi casi non si tratta di impugnare l'atto (ingiusto e nullo) per sostituire ad esso un altro atto (giusto e valido) dello stesso e di un altro giudice, bensì di correggere l'atto, che rimane la sola fonte regolatrice del rapporto";

Illi l-istess opinjoni tinsab espressa fis-sentenza "Zahra et. vs. Shelley" tas-26 ta' Frar 1896 (Vol. XV, 408):— "La

legge permette la correzione di un errore materiale in cui si fosse incorso nella sentenza e negli atti della causa...... ed havvi tale errore materiale di dicitura quando il nome è scritto inesattamente";

Illi eżempji oħra ta' żball materjali f'sentenza huma "mero errore di amanuense" (Cass. Torino, 8.10.1872); "quando la sentenza sia caduta in un errore materiale sulla somma da pagarsi" (Cass. Torino, 11.11.1868); "quando la sentenza abbia condannato nelle spese la parte vittoriosa nella lite" (App. Milano, 6.2.1875). Ara wkoll Ricci, Commento al Codice di Procedura Civile Italiano, Vol. II, paġ. 360-361);

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt publikat minn Nutar Francesco Refalo fit-28 ta' Settembru 1936, li kopja legali tiegħu tinsab eżibita fil-kawża "Buhagiar et. vs. Aquilina" (ċit. nru. 19 tal-1952), pendenti quddiem din il-Qorti, Maria armla minn Antonio Aquilina minn naħa waħda u Francesco u Giuseppe aħwa Buħagiar minn naħa oħra, wara li ddikjaraw li riedu jaqsmu l-proprjetà derivanti mill-wirt ta' Don Francesco Buhagiar "in two equal portions", assenjaw lil xulxin parti mit-territorju msejjaħ "tal-Qormija", fil-bajja ta' Marsalforn, Triq Qbajjar, limiti Żebbuġ, Għawdex, b'dan li l-parti perċepita mill-aħwa Buhagiar kienet tikkonsisti f'żewġ appezzamenti, wieħed ta' ċirka tliet itmiem u l-ieħor ta' tomna u tliet sigħan, mentri r-raba' assenjat lil Maria Aquilina għandu kapaċità superfiċjali ta' ċirka ħames sigħan;

Illi kieku l-partijiet waqfu hawn, kien evidentement ikun każ ta' żball materjali fil-qasma ta' proprjetà bejn il-kontendenti; iżda l-kontendenti għamlu dikjarazzjoni valutata £150, "namely seventyfive pounds (£75) each portion";

Illi minħabba din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kuntratt fuq imsemmi ma jirrikorrix żball materjali, peress li ma jirrivestix il-karattri li, fuq l-iskorta tal-prinċipji rilevati, aġevolment applikabbli anki għal din

ix-xorta ta' żball f'kuntratt, għandu jkollu biex jiġi ritenut tali;

Illi, kif jidher fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, l-attur jibbaża t-teżi tiegħu tal-eżistenza ta' "errore materiale" fuq diversi fatturi oħra; iżda dawn, biex jiġu aċċertati, jeħtieġu eżami u ċertu grad ta' ġudizzju, u kwindi jonqsu l-elementi tal-evidenza, indiskutibbilità, u dak ta' "mancanza di necessità di interpretare per scoprire l'errore";

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha "Dagri vs. Micallef et." tat-13 ta' Novembru 1956, irritenet li żball materjali jista' jiġi korrett, għaliex ma jaqgħax taħt ir-regoli tal-azzjonijiet ta' impunjazzjoni ta' kuntratti;

Illi, meta jiġu eżaminati bir-reqqa l-premessi taċ-ċitazzjoni — u għall-fini tas-soluzzjoni tal-punt sollevat bit-tieni eċċezzjoni dawk il-premessi ma jistgħux jiġu skartati — għandu jingħad li l-attur mhux qiegħed jimposta t-talba tiegħu fuq ebda wieħed mit-tliet xorta ta' "errore" li l-liġi tammetti bħala fondament għall-azzjoni ta' impunjazzjoni, li f'każ ta' diviżjoni timplika neċessarjament it-talba għar-rexissjoni tad-diviżjoni preċedenti;

Illi l-art. 551(6) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-fatt biss li ma tinġiebx fil-qasma xi ħaġa li kienet fil-komunjoni ma jagħtix lok għall-azzjoni ta' rexissjoni tal-qasma, iżda għal qasma oħra b'żieda tal-ewwel qasma. Dan ir-rimedju ta' diviżjoni supplementari jkun hemm loku biss meta l-kondividenti stess, għal xi raġuni jew oħra, għax ikun hekk jaqblilhom jew altrimenti, iħallu barra volontarjament mid-diviżjoni xi oġġett komuni, jew meta wara l-qasma jiskopru li fl-assi tad-decujus għad hemm ħwejjeġ oħra li huma ma kienux jafu bihom u li għalhekk baqgħu komuni u ndiviżi. "L'azione di supplemento di divisione suppone il caso che per errore di tutti i condividenti qualche cosa del patrimonio in divisione non vi sia stata compresa" (App. 22.11.1905 "Cole vs. Portelli", Vol. XIX-I-122). Fil-każ preżenti, però, l-attur qiegħed jallega mhux biss li l-porzjoni l-oħra ta' raba' "tal-Qormija" ta' ċirka tmien sigħan kellha tiġi mdaħħla fil-qasma, iżda wkoll li

kellha tiġi kompriża fil-porzjoni assenjata lil Maria Aquilina, u li din l-assenjazzjoni ma saretx unikament minħabba li ġiet inavvertitament ommessa fil-kuntratt;

Illi l-Pacifici Mazzoni (Vol. X, para. 177, paġ. 423 u 427) jikteb, f'dan ir-rigward, hekk:— "L'errore, sempre in ordine agli oggetti, può cadere sulla distribuzione dei beni, venendo cioè divisi in una proporzione diversa da quella della vocazione legale o testamentaria; dando, esempli grazia, un quarto a chi non deve avere che un ottavo, o viceversa, o dandogli una antiparte che non doveva avere o viceversa. Ora, è dottrina comune che questo errore non dà luogo a nullità, e nemmeno a rescissione della divisione, sibbene a rettificazione della medesima...... Alla rettifica deve farsi luogo, anzichè a qualsiasi altro rimedio, grande o piccola la sproporzione delle quote......";

Illi r-rettifikazzjoni hija ammessa anki mill-kommentaturi tal-liġi franċiża, li f'din il-materja hija identika għal dik maltija, meta jikkonkorri żball bħal dan in diskussjoni. Il-Laurent (Vol. X, 465) jgħid:— "Si supponga anzitutto che gli eredi si siano ingannati sulla quota ereditaria; ad uno di essi gli si è dato il quarto e non aveva diritto che al quinto, o gli si è tenuto conto di una porzione che gli spettava in antiparte come donatario o legatario. Vi è errore nella distribuzione, vi è luogo ad una rettificazione della divisione". U similment il-Baudry-Lacantinerie (Successioni, Vol. III, para 3510, paġ. 837): "L'errore sulla qualità dell'oggetto non ha alcuna influenza sulla sorte della divisione; così è nel caso in cui un condividente accetti la sua quota credendo, erroneamente, che in essa sia compreso un determinato oggetto". U jkompli:— "Gli errori materiali, specialmente quelli di calcolo, non danno luogo nè ad annullamento della divisione, nè a un supplemento di divisione . . . . il tribunale o le parti si limitano a ripararli rettificando la divisione";

Illi, jekk l-iżball allegat mill-attur jiġi kwalifikat bħala "errore di indicazione", allura hija applikabbli l-opinjoni tal-Piola qabel ċitat (op. ċit., paġ. 531 u 537):— "Per quanto concerne l'errore di indicazione, siccome ove l'errore non vi fosse stato la indicazione sarebbe stata diver-

sa da quella che figura, ma l'atto sarebbe stato medesimamente compito, così questo errore altro diritto non può attribuire che quello di far procedere alla correzione della indicazione errata . . . . . anche nei contratti può darsi il caso di errore sulla indicazione della cosa. In questo caso, *se a base del contratto o di altri fatti constanti si può correggre l'errore, l'errore va corretto* . . . . ";

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 1957, in re "Giuseppe Micallef vs. Elena Grech et.", laqgħet talba għall-korrezzjoni ta' att notarili, *li kien affett minn* żball, la *materjali* u lanqas wieħed minn dawk previsti mill-artikoli 1018 u 1019 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi kwindi, jekk tiġi aċċettata t-teżi konvenuta, peress li si tratta mhux ta' żball materjali, u lanqas ta' xi żball ieħor li jinvalida l-kunsens, l-attur ma jkollu ebda azzjoni ġudizzjarja kontra l-kuntratt "de quo" — dak li huwa kuntrarju għal kull sens ta' liġi u ta' ekwità;

Illi għaldaqstant, anki jekk fil-kuntratt in eżami ma jistax jiġi ravviżat żball materjali, l-azzjoni għall-korrezzjoni jew rettifikazzjoni hija proposta tajjeb; infatti l-attur ma hux intitolat jitlob diviżjoni "in supplemento", u lanqas seta' jaġixxi għall-impunjazzjoni tal-kuntratt, peress li din l-aħħar azzjoni hija permessa biss meta jirrikorri xi żball li jinfiċja l-kunsens;

Rat fil-fol. 76 in-nota li biha l-imsemmija konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar appellaw minn din l-aħħar sentenza, u fol. 77 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, u l-eċċezzjoni tagħhom tiġi milqugħa; bl-ispejjeż kontra l-attur;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-28 ta' Settembru 1936 (li estratt tiegħu jinsab eżibit fil-fol. 4 tal-proċess tal-kawża fl-ismijiet "Francesco Buhagiar et. vs. Giuseppe Aquilina", pendenti "sine die" qud-

diem l-istess Qorti ta' Għawdex u Kemmuna, u li għaliha saret riferenza), il-konvenuti preżenti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar (dan tal-aħħar rappreżentat minn tal-ewwel) mill-parti l-waħda, u oħthom Maria armla Aquilina rappreżentata minn binha Luigi Aquilina, mill-parti l-oħra, "partitioned the following property deriving to them from the inheritance of the Most Reverend Francesco Buhagiar in two equal portions . . . . . ;

"The said Luigi Aquilina as above has allotted, transferred and assigned, to the said Fancesco Buhagiar as above a plot of ground designated 'tal-Qormija' situated within the limits of Casal Żebbuġ, Malsalforno Bay, Strada Qbajjar" (hawn issegwi deskrizzjoni tal-konsistenza u tal-konfini ta' din l-art);

"The said Francesco Buhagiar in his own proper name and that of his brother Giuseppe Buhagiar has allotted and assigned to the said Luigi Buhagiar as above accepting, a plot of ground designated 'tal-Qormija' situated within the limits of Casal Żebbuġ, Gozo, Marsalforno Bay, Strada Qbajjar, reduced to a garden (sic) measuring about five mondelli, bounded on the west, north and south by a street, on the east by a property of Maria Aquilina, subject to its perpetual and annual ground rent of one shilling and eight pence; a dwelling house situate Strada Qbajjar within the limits of Casal Żebbuġ, Marsalforno Bay, bounded on the north by property of Vincenzo Attard, on the south by a street, on the east by property of Francesco Buhagiar, and on the west by property of Francesco Buhagiar";

"To be had, the said property as partitioned, from the date of this deed with all its appurtenances";

Dan hu dak li jgħid il-kuntratt;

L-attur, però, jippretendi illi fil-porzjoni li ġiet b'dak il-kuntratt assenjata lill-imsemmija Maria Aquilina, oltre ż-żewġ fondi deskritti fih, kellha tkun kompriża wkoll parti oħra mill-istess raba' "tal-Qormija", tal-kejl ta' ċirka tmien sigħat, li ma ġietx imsemmija fil-kuntratt bi żvista

tan-nutar u tal-partijiet; u biċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi fl-okkażjoni tal-imsemmi kuntratt lil Maria Aquilina ġiet assenjata anki l-porzjoni *ta' raba' in kwistjoni*, (2) u illi konsegwentement tiġi ordnata l-korrezzjoni tal-istess kuntratt, billi tiġi nkorporata fl-assenjazzjoni magħmula fih favur l-istess Maria Aquilina dik il-porzjoni ta' raba';

Il-konvenuti Francesco u Giuseppe aħwa Buhagiar, fittieni eċċezzjoni tagħhom, issottommettew in sostanza illi, ankorkè "ex *hypothesi*" kellu jiġi pruvat bħala fatt illi kien hemm l-isvista jew żball allegati mill-attur, dawn ma jintitolawhx għar-rimedju tal-korrezzjoni tal-kuntratt, kif mitlub minnu, imma, se maj, jistgħu jintitolawh li jimpunja dak il-kuntratt;

Bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni, u rriteniet illi l-azzjoni tal-attur (salva l-kwistjoni tal-meritu) għall-korrezzjoni jew rettifikazzjoni tal-kuntratt hi proposta tajjeb;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti ta' dil-kawża u minn dawk ta' dik pendenti bejn l-istess partijiet bil-maqlub quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti Ċivili, irriżulta li oriġinarjament l-art in kwistjoni kienet tifforma parti mill-fond imsejjaħ "tal-Qormija", f'Marsalforn, li kien ġie mħolli b'legat minn Dun Franġisk Buhagiar lil Giuseppe u Francesco Buhagiar u lill-oħthom Maria Aquilina, terz kull wieħed, u dawn qasmu dik l-art bejniethom bl-atti in kwistjoni tat-28 ta' Novembru 1936. F'dak l-att jibda biex jingħad li l-art kienet qegħdha tinqasam f'żewġ ishma ndaqs, li minnhom wieħed ġie assenjat lill-aħwa Giuseppe u Francesco Buhagiar, u ieħor lil Maria Aquilina. F'kull waħda mill-porzjonijiet ġie nkluż lok ta' djar; iżda fil-porzjoni tal-aħwa Francesco u Giuseppe Buhagiar ġew assenjati biċċtejn minn dik l-art ta' ċirka tliet itmiem il-waħda u ta' tomna u tliet sigħan l-oħra, fil-waqt li f'dik ta' Maria Aquilina ntqal li ġiet assenjata biċċa art ta' ċirka ħames sigħan. Fl-att ma jingħadx li kienet qegħeda titħalla barra mhux maqsuma u in komun xi biċċa art oħra minn dak it-territorju hekk maqsum;

L-attur jippretendi li b'dak l-att tal-qasma l-porzjoni ta' Maria Aquilina ġiet deskritta ħażin, billi ġiet indikata ħażin l-estensjoni u l-konsistenza tagħha. U tabilħaqq, huwa jippretendi li fil-fatti dik Maria Aquilina ħadet pussess tal-estensjoni kollha, kompriża l-biċċa in kwistjoni, u gawdietha bħala kollha tagħha, b'sehemha ta' terz tal-legat li kien ħallielha Dun Franġisk Buhagiar; u dan konformement għall-qasma bonarja tal-godiment preċedenti għall-att formali tal-qasma. Skond l-attur, fl-att ma kienx hemm nuqqas jew vizzju ta' kunsens veru u proprju, għax il-kondividenti fil-fatt riedu jagħmlu l-qasma bl-assenjazzjoni tal-partijiet li ġew assenjati lill-aħwa Francesco u Giuseppe Buhagiar, u bil-parti rimanenti lil Maria Aquilina; biss, fid-deskrizzjoni ta' dil-parti l-konsistenza ġiet deskritta ħażin minn nutar, li rrediġa, skond l-użanza tiegħu, l-att bl-Ingliż, u ġiet hekk ommessa l-parti in kwistjoni. L-attur għalhekk ma mpunjax l-assenjazzjoni, iżda jrid li ssir korrezzjoni ta' dik id-deskrizzjoni fis-sens minnu mitlub, biex il-partijiet jibqgħu b'dak kollu li ssemma fl-att, u fil-porzjoni ta' Maria Aquilina tissemma u tiġi nkluża l-parti kontroversa, u b'hekk l-att ma jitwaqqgħax. Mhux il-każ tal-azzjoni "de communi dividundo" tal-parti mhux inkluża f'dik id-deskrizzjoni, għax il-pretensjoni tal-attur mhix dik li huwa għandu sehem minnha flimkien mal-konvenuti, iżda illi hija esklużivament ta' Maria Aquilina, il-lum rappreżentata mill-werrieta; u għalhekk ma fadalx x'wieħed jaqsam. Għaldaqstant, proċeduralment ma kien hemm xejn ħażin fl-azzjoni eżerċitata mill-attur, salvo li jipprova l-meritu tal-pretensjoni tiegħu. Il-meritu tal-pretensjoni tiegħu mhuwiex quddiem dil-Qorti. Għaldaqstant is-sentenza appellata mhix ċensurabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti; u tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla fuq il-meritu.